Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 454 / 2016

Il-Pulizja

Spettur Roderick Agius

Vs

Isabella Zammit

Jonathan Zammit

Illum 28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Isabella Zammit detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 355760 M u Jonathan Zammit detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 479187 M akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar is-27 ta' Mejju, 2015, u fil-jiem u x-xhur ta' wara, ġewwa Ħal-Qormi u f' dawn il-Gżejjer b' mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b' qerq ieħor, ingann jew billi wrew ħaġa b' oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu ( € 2329.37 ) għad-dannu ta'

   Giovanna Bellizzi / l-Bank HSBC u / jew entitajiet oħra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-10 t' Ottubru, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 31, 308, 310 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u ikkundannathom kif gej:

Lil Isabella Zammit ghal tnejn u ghoxrin xahar (22) prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal erba snin mill-lum.; u

Lil Jonathan Zammit wara li rat ukoll l-artikoli 17 (b), 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ghal 18 il-xahar prigunerija.

Il-Qorti ordnat li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Jonathan Zammit, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Ottubru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, wara li tkun semgħet il-provi ammissibbli skond il-liġi, jogħġobha **tirriforma** s-senteza appellata billi:-

(a) **Tirrevokaha u tħassarha** f' dik il-parti fejn ikkundannat lil Isabella Zammit għal tnejn u għoxrin xahar (22) prigunerija sospiżi għal erba snin mid-data tas-sentenza u lil Jonathan Zammit għal 18 il-xahar priġunerija effettivi **u minflok** tinfliġġi piena aktar ġusta u ekwa fiċ-ċirkostanzi; filwaqt li

(b) **Tikkonfermaha** fil-bqija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal tat-18 ta' Jannar 2017 fejn l-appellanti Isabella Zammit irtirat l-appell minnha imressaq.

Rat l-aggravji fir-rigward ta' Jonathan Zammit biss:

Illi l-**aggravju huwa ċar u manifest** u jikkonsisti fil-fatt illi l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti hija, bid-dovut rispett, eċċessiva u ma tieħux kont taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-fatti speċje tal-każ;

Fl-ewwel lok, tajjeb li jingħad li l-uffiċjal prosekutur għażel li jakkuża lill-appellanti fuq il-parametri tal-liġi kif kienu qabel ma ġiet emendata u kien fuq dak il-parametri li l-appellanti ammettew għall-akkużi kontrihom – minkejja li l-ammont meħud ma jeċċedix l-€ 2,329.37. Jiġi umilment sottomess illi l-Qorti ingħatat dawk il-parametri sabiex taħdem u b' hekk il-piena erogata għandha tiġi kkalibrata fuq dawn il-parametri;

Illi fit-tieni lok, għar-rigward tal-appellant Jonathan Zammit, minkejja li hu ammetta għall-ammont kollu meħud mill-credit card, huwa kien responsabbli biss għall-ammont ta' € 547 (kif jirriżulta mill-istqarrija rilaxxata minnu stess). Għalkemm l-appellant Jonathan Zammit m' għandux vizzji, huwa għandu karattru suġġestibbli u minkejja li llum-il ġurnata huwa għandu 29 sena, huwa kien influwenzat mill-aġir ta' ommu meta hi kienet qed tuża l-imsemmija credit card bħala tagħha. Jonathan Zammit jgħix ma ommu u missieru fir-residenza tagħhom Ħal-Qormi.

Illi Jonathan Zammit għandu karattru kwiet u settled, ilu fl-istess impjieg fiss bħala delivery person ma' ditta lokali għal diversi snin u parti minn xogħolu huwa li jiġbor il-flus għall-imgħallem tiegħu. Qatt ma kien hemm sitwazzjoni fejn l-imgħallem sab xi flus nieqsin u dan jixhed biċ-ċar il-karattru onest tal-istess appellant Jonathan Zammit.

Illi sfortunatament, dan kien inċident singolari fejn l-appellant Jonathan Zammit kien dgħajjef u ċeda għat-tentazzjoni li juża l-*credit card* li kienet diġa qed tintuża minn ommu f'dak l-istess perjodu;

Illi bid-dovut rispett, il-piena inflitta ta' tmintax-il xahar priġunerija effettiva hija eċċessiva u sproporzjonata maċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ. Di piu piena bħal din żgur li se tagħmel ħafna aktar ħsara lill-appellant Jonathan Zammit milli ġid u dan għal diversi raġunijiet. Fl-ewwel lok, piena bħal din se ttellef l-impjieg tal-appellant Jonathan Zammit u dan se jissarraf f' piena ferm akbar meta jitqies l-ammont illi huwa effettivament ħa minn din il-*credit Card*;

Illi għandu jingħad ukoll li għalkemm l-appellant Jonathan Zammit huwa reċidiv, ir-reċidivita' tiegħu hija b' reat li hu għall-kollox differenti minn dak odjern u b' hekk m' hemm l-ebda *modus operandi* biża ta' ripetizzjoni ta' atti frawdolenti jew ta' serq;

Għar-rigward tal-appellanta Isabella Zammit, minkejja li s-sentenza ta' priġunerija tagħha hija waħda sospiża, jiġi umilment sottomess li l-perjodu ta' priġunerija mogħti, u ċioe' dak ta' tnejn u għoxrin (22) xahar huwa eċċessiv u l-perjodu operattiv ta' erba (4) snin huwa wkoll perjodu ferm eċċessiv.

Illi jiġi sottomess li minkejja li Isabella Zammit hija responsabbli għat-teħid ta' ammont ikbar minn dak tal-appellant Jonathan Zammit, hi għandha karattru nadif, tant li m' hijiex reċidiva. Hija mara tad-dar u llum-il ġurnata għandha impjieg fiss.

Illi bid-dovut rispett lewjn l-ewwel Qorti, il-piena inflitta fil-konfront tal-appellanti hija eċċessiva u ma tirriflettix iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern. Illi b' hekk, jiġi umilment

sottomess li m' hemm l-ebda impediment għall-Dina l-Onorabbli Qorti li tagħti piena intiża lejn ir-riabilitazzjoni tal-appellanti aktar milli lejn il-retribuzzjoni tal-atti li saru.

Ikkunsidrat,

Illi ghalkemm iz-zewg imputati iressqu appell mis-sentenza ta'l-Ewwel Qorti u dan limitatament fir-rigward tal-piena erogata fil-konfront taghhom, madanakollu l-appellanti Isabella Zammit irtirat l-aggravvju marbut mal-piena inflitta fuqha u ghaldaqstant din il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni tieghu. Jifdal ghalhekk biex jigi trattat u deciz il-gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti mill-appellanti Jonathan Zammit ukoll marbut biss mal-piena inflitta fuqu u dan ghar-reati lilu addebitati u ammessi minnu *in toto*.

Illi jilmenta mill-fatt illi l-Ewwel Qorti kienet wisq harxa mieghu meta giet erogata il-piena ta' tmintax-il xahar prigunerija u dana ghaliex ma haditx in konsiderazzjoni fl-ewwel lok illi il-piena li kellha titqies mill-Ewwel Qorti kellha tkun dik vigenti fiz-zmien li sehh ir-reat, qabel l-emendi li dahhlu fis-sehh fil-ligi, fit-tieni lok, l-ammont mehud indebitament minnu kien jammonta biss ghal 547 ewro, illi huwa ge influwenzat biex jikkometti r-reat li dwaru jinsab akkuzat minn ommu li hija ko-akkuzata mieghu u finalment huwa ghandu hajja stabbli, huwa impjegat u fdat mill-imghallem tieghu u dan kien incident izolat. Jishaq illi hekk huwa jigi inkarcerat din ser tkun iktar ta' hsara ghalih billi fl-ewwel lok ser jitlef l-impjieg tieghu.

Illi fil-fatt din il-Qorti wara talba maghmula mill-appellanti ordnat li jithejja pre-sentencing report fil-konfront tieghu sabiex b'hekk ikollha stampa aktar cara tac-cirkostanzi li wasslu ghal kummissjoni tar-reati addebitati lilu. Illi minn dan ir-rapport jidher illi Zammit ikkopera mal-pulizija fil-kors ta'l-investigazzjonijiet, illi l-vittma giet risarcita l-flus mehuda minnha indebitament, kif ukoll illi huwa mhuwiex bniedem maghruf mal-pulizija. Fil-fatt mil-fedina penali tieghu jirrizulta illi huwa ghandu kundanna wahda biss li tirrisali ghal Lulju 2012 fejn gie misjub hati li saq vettura minghajr licenzja u polza ta'l-assikurazzjoni.

Mitkellma mill-Ufficjal tal-Probation Svetlana Bezzina, l-vittma stess Giovanna Belizzi tishaq illi l-mohh wara it-tehid u l-uzu mhux awtorizzat tal-*credit card* taghha kienet omm l-appellanti u mhux hu u li l-appellanti kien sahansitra skuza ruhu maghha ghal dak illi ghamel u ried ihallasha sehmu. Issostni ukoll illi l-appellanti fil-kummissjoni tar-reat kien iggwidat minn ommu meta l-istess omm uzat dina il-*credit card* sabiex xtrat xi oggetti ghall-appellanti u dan bil-kunsens tieghu. Minn dan ir-rapport fil-fatt jirrizulta illi omm l-appellanti, ko-akkuzata mieghu Isabella Zammit hija bniedem affetta minn problemi psikologici u li ilha tbati b'dawn il-probelmi ghal zmien twil sahansitra minn mindu l-appellanti kien ghadu tifel. Fil-fatt l-Ufficjal tal-Probation tghid hekk fir-rapport taghha fuq dan l-aspett:

"Mill-informazzjoni migbura dwar il-kuntest familjari jirrizultaw bosta inkonsistenzi li jindikaw li l-ambjent li trabba fih l-appellant ma kienx wiehed trankwill. Jidher li omm l-appellant ghandha bost diffikultajiet li qatt ma gew indirizzati u li joholqu turbolenzi f'dan il-kuntest. Jirrizulta li ma kienx hemm koperazzjoni bejn il-genituri fit-trobbija tal-ulied u li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-familja mhux wahda tajba. Din is-sitwazzjoni jidher li ghadha tippersisti u li tohloq tenzjoni fl-appellant li ghadu jirrisjedi mal-genituri."

Illi l-Ufficjal tal-Probation fil-fatt tishaq illi l-appellanti ghandu bzonn gwida f'hajjtu sabiex itejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu billi jigi meghjun itejjeb il-hiliet tieghu biex b'hekk ikollu opportunitajiet ahjar ta' xoghol. Problemi ohra relatati ma' xi vizzji ma jidhirx illi ghandu. Ir-rakomandazzjoni li issir ghalhekk hija illi l-appellanti minflok jigi inkarcerat jitqieghed taht ordni ta' probation biex b'hekk jibbenifika mill-gwida li tista' toffrielu l-Ufficjal tal-Probation tenut kont illi tali gwida huwa ma ghandux mill-genituri tieghu, anzi ommu Isabella Zammit iktar dahhlitu fl-inkwiet billi wasslitu biex ixellef difrejgh mal-gustizzja minhabba l-imgieba kaotika taghha.

Illi fid-dawl ta' dina ir-rakomandazzjoni anke l-Avukat Generali fis-sottomissjonijiet tieghu irimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti.

Illi l-Qorti hija tal-fehma ghalhekk illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, ma hemm l-ebda mottiv li jista' igieghla titbieghed mir-rakomandazzjoni maghmula mill-Ufficjal tal-Probation. Ghalkemm il-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija wahda

li taqa' sewwa fil-parametri tal-ligi tenut kont ukoll illi l-appellanti ghandu jitqies illi huwa recidiv ghalkemm ta' reat minuri, u ghalkemm t-taghlim gurisprudenzjali jiggwida lill-qorti ta' revizjoni sabiex bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*", madanakollu qabel kull kundanna restrittiva tal-liberta' ghandha tigi esplorata il-possibilita ta' riforma tal-hati. Dan ghaliex hija il-ligi stess u anke il-gurisprudenza li taghti l-ghodda lil min hu imsejjah biex jiggudika illi jara jekk tali riforma tistax tiswa fil-konfront tal-persuna akkuzata, qabel ma tghaddi biex teroga piena ta' prigunerija effettiva.

Illi indubbjament f'dan il-kaz jezistu cirkostanzi ferm validi li jimmeritaw illi l-piena tkun wahda riformattiva u mhux punittiva iktar u iktar meta illum is-sistema ta' gustizzja penali hija wahda li qed timmira iktar lejn ir-riforma tal-hati milli lejn il-kundanna tieghu ghaliex gie ritenut illi l-piena li ghandha tigi erogata ghandha tkun wahda adattata aktar ghal persuna tal-hati milli ghar-reat kommess minnu u dan sabiex kemm jista' jkun ma ikunx hemm ir-ripetizzjoni tar-reat.

Il-Qorti tqies illi f'dan il-kaz mhux biss l-appellanti ammetta minnufih u b'hekk evita hafna spejjez u hela ta' rizorsi ghall-Istat, izda ukoll ghandu fedina penali relattivament nadifa, huwa hieles mill-vizzji, ghandu impjieg u hajja stabbli, tant illi ghalkemm ghandu kundanna wahda ghandu jigi trattat bhala *first time offender* u ghalhekk ghandu jibbenifika minn ghajnuna li tista' tinghatalu b'sentenza alternattiva ghal dik ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta'l-aggravvji imqanqla mill-appellanti Isabella Zammit stante illi hija irtirat l-appell taghha, qieghda tilqa' l-appell interpost mill-appellanti Jonathan Zammit, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fejn din sabet lill-appellanti Isabella u Jonathan Zammit hatja ta'l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghhom u tikkonfermaha ukoll fejn l-appellanti Isabella Zammit giet ikundannata ghal perijodu ta' tnejn u ghoxrin xahar (22) prigunerija sospizi ghal erba snin, tirriforma il-piena inflitta fil-konfront ta' l-appellanti Jonathan Zammit u minflok dik ta'

tmintax-il xahar prigunerija, wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-istess appellanti Jonathan Zammit taht Ordni ta' Probation u dan ghal zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu tal-probation jew jekk huwa jonqos milli jobdi l-ordni imposta fuqu illum.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur